

32002R0453

14.3.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 72/9

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 453/2002**tat-13 ta' Marzu 2002**

li jadatta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1799/2001, (KE) Nru 2125/95 u (KE) Nru 3223/94 fir-rigward tal-kodiċi tan-nomenklaturi magħquda għal ċerti frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/79 tal-5 ta' Frar 1979 dwar il-proċedura għall-aġġustament tan-nomenklatura tat-Tariffa Komuni Doganali wżata għall-prodotti agrikoli ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3290/94 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2031/2001 tas-6 ta' Awissu 2001 li jemenda l-Anness I li jinsab mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali ⁽³⁾ emenda n-Nomenklatura Magħquda għal ċerti frott u ħxejjex u prodotti pproċessati mill-frott u l-ħxejjex.
- (2) Dan li ġej għalhekk għandu jiġi adottat:
 - it-tabella fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1239/2001 ⁽⁵⁾;
 - l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1799/2001 tat-12 ta' Settembru 2001 li jistipula l-istandard tal-marketing għall-frott taċ-ċitru ⁽⁶⁾;
 - l-Artikolu 1(1) u (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2125/95 tas-6 ta' Settembru 1995 li jagħti bidu u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għal faqqiegħ ippreservat ⁽⁷⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2541/2001 ⁽⁸⁾;
 - it-tabella fl-Anness li jinsab mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 tal-21 ta' Diċembru 1994 dwar ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti ta' importazzjoni għall-frott u l-ħxejjex ⁽⁹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 807/2000 ⁽¹⁰⁾.
- (3) L-adattamenti ta' hawn fuq għandhom jidħlu fis-seħħ fl-istess waqt bħar-Regolament (KE) Nru 2031/2001.
- (4) Il-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Laqqha Konġunta tal-Kumitati ta' Ġestjoni għall-frott u l-ħxejjex friški u għall-frott u l-ħxejjex ipproċessati,

⁽¹⁾ ĠU L 34, tad-9.2.1979, p. 2.

⁽²⁾ ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 105.

⁽³⁾ ĠU L 279, tat-23.10.2001, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 29.

⁽⁵⁾ ĠU L 171, tas-26.6.2001, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 244, ta' l-14.9.2001, p. 12.

⁽⁷⁾ ĠU L 212, tas-7.9.1995, p. 16.

⁽⁸⁾ ĠU L 341, tat-22.12.2001, p. 80.

⁽⁹⁾ ĠU L 337, ta' l-24.12.1994, p. 66.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 97, tad-19.4.2000, p. 6.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Fit-tabella fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96:

“ex 0812 Frott u ġewæ, provisorjament ippreservati (per eżempju b'gass ta' dijossidu tal-kubrit, filma bil-melħ, filma bil-kubrit jew f'xi likwidi preservanti oħra), iæda mhux adattati f'dak l-istat għal konsum immedjat, eskluæa banana ppreservata proviæorjament li taqa' taħt is-subintestatura ex 0812 90 95”

huwa sostitwit bi:

“ex 0812 Frott u ġewæ, provisorjament ippreservati (per eżempju b'gass tad-dijossidu tal-kubrit, filma bil-melħ, filma bil-kubrit jew f'likwidi preservanti oħra), iæda mhux adattati f'dak l-istat għal konsum immedjat, eskluæa l-banana ppreservata proviæorjament li taqa' taħt is-subintestatura ex 0812 90 95”

u t-test:

“ex 2009 Meraq tal-frott (esklue meraq ta' l-għeneb u nbid ġdid taħt is-subintestatura 2009 60 u meraq tal-banana taħt is-subintestatura 2009 80) u meraq tal-ħaxix, mhux iffermentat u ma jkunx fih spirtu miæjud, sew jekk ikollu jew ma jkollux zokkor miæjud jew materja oħra li tagħmel il-ħlewwa”

huwa sostitwit bi:

“ex 2009 Meraq tal-frott (esklue meraq ta' l-għeneb u nbid ġdid taħt is-subintestatura 2009 61 u meraq tal-banana taħt is-subintestatura 2009 80) u meraq tal-ħaxix, mhux iffermentat u ma jkunx fih spirtu miæjud, sew jekk ikollu jew ma jkollux zokkor miæjud jew materja oħra li tagħmel il-ħlewwa”

L-Artikolu 2

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1799/2001:

“— lumi li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0805 30 10”

huwa sostitwit bi:

“— lumi (*Citrus limon*, *Citrus limonum*) li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0805 50 10.”

L-Artikolu 3

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2125/95 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Artikolu 1

1. Il-kwoti tat-tariffi għall-faqqieġh ippreservat tal-ġeneru *Agaricus* li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0711 51 00, 2003 10 20 u 2003 10 30, muri fl-Anness I, għandhom jinfetħu bla ħsara għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. Ir-rata ta' dazju applikabbli għandha tkun 12 % skond il-valur fil-każ ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0711 51 00 (Nru tas-Serje 09.4062) u 23 % fil-każ ta' prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2003 10 20 u 2003 10 30 (Nru tas-Serje 09.4063). Madanakollu, rata waħda ta' 8,4 % għandha tgħodd fil-każ tal-prodotti ta' hawn fuq li joriġinaw mill-Bulgarija (Nru tas-Serje 09.4725) jew mir-Rumanija (Nru tas-Serje 09.4726).”

L-Artikolu 4

L-Anness li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-ANNESS

Mingħajr preġudizzju għar-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Maqgħuda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija meqjusa li hija biss indikattiva. L-iskop ta' l-arranġamenti li li jipprovdi għalihom dan ir-Regolament huwa, għall-finijiet ta' dan l-Anness, stabbilit bl-iskop tal-kodiċi NM kif ikunu fil-ħin ta' l-adozzjoni ta' l-aħħar emenda ta' dan ir-Regolament. Fejn hemm 'ex' quddiem il-kodiċi NM, l-iskop tad-dazji addizzjonali huwa stabbilit sew bl-iskop tal-kodiċi NM u dak tad-deskrizzjoni tal-prodotti, u l-perijodu li jikkorrispondi ta' l-applikazzjoni.

PARTI A

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Perijodu ta' applikazzjoni
ex 0702 00 00	Tadam	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
ex 0707 00 05	Ħjar ⁽¹⁾	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru
ex 0709 10 00	Qaqoċċ	Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju
0709 90 70	Zukkini	Mill-1 ta' Jannar sat-31 ta' Diċembru
ex 0805 10 10 ex 0805 10 30 ex 0805 10 50	Larinġ ħelu, frisk	Mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju
ex 0805 20 10	Klementini	Mill-1 ta' Novembru sa l-aħħar ta' Frar
ex 0805 20 30 ex 0805 20 50 ex 0805 20 70 ex 0805 20 90	Mandolin (inkluż tangerin u satsumi); wilking u ibridi simili taċ-ċitru	Mill-1 ta' Novembru sa l-aħħar ta' Frar
ex 0805 50 10	Lumi (<i>Citrus limon</i> , <i>Citrus limonum</i>)	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Mejju
ex 0806 10 10	Għeneb ta' l-ikel	Mill-21 ta' Lulju sa l-20 ta' Novembru
ex 0808 10 20 ex 0808 10 50 ex 0808 10 90	Tuffieħ	Mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju
ex 0808 20 50	Lanġas	Mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' April
ex 0809 10 00	Berquq	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju
ex 0809 20 95	Ċirasa, ġhajr ċirasa qarsa	Mill-21 ta' Mejju sa l-10 ta' Awissu
ex 0809 30 10 ex 0809 30 90	Ħawħ, inkluż nettarin	Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru
ex 0809 40 05	Għajnbaqar	Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru

⁽¹⁾ Għajr ħjar kif imsemmi fit-Taqsima B ta' dan l-Anness.

PARTI B

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Perijodu ta' applikazzjoni
ex 0707 00 05	Ħjar maħsub għall-ipproċessar	Mill-1 ta' Mejju sal- 31 ta' Ottubru
ex 0809 20 05	Pruna qarsa (<i>Prunus cerasus</i>)	Mill-21 ta' Mejju sa l-10 ta' Awissu

L-Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Marzu 2002.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni
